MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 31/2011

**Banif Bank (Malta) Plc**

**vs**

**Robert Sciberras u Joseph Azzopardi li b'digriet moghti fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2011 gie kjamat fil-kawza.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-Bank attrici kif prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Jannar, 2011 fejn il-Bank talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sebt elef, sitt mija w ghoxrin Ewro u sittin centezmu (€7,620.60) minnu dovuta lilha rapprezentanti flus li huwa gibed fuq il-*Credit Card* number 4196806000017075 li huwa ghandu ma' l-istess Bank attrici (jara l-formola ta' l-applikazzjoni iffirmata minnu u

mmarkata bhala Dok A) tas-26 ta' Jannar, 2011. Din is-somma tinkludi imghax ta' sebgha u erbghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€47.52).

In oltre dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpanija attrici ai termini ta' l-Artikolu 11 (f) tal-*Conditions of Use* marbuta mal-Credit Card (ara Dok B) stante li huwa ripetutament naqas li jaghmel il-pagamenti kif stipulat fl-imsemmija *Conditions of Use*.

Id-dettalji tas-somma komplessiva dovut jidhru fil-Bank statement anness ma' dan l-Avviz.

Illi l-kumpanija attrici nterpellatu diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz ta' ittra legali datata l-21 ta' Lulju 2010 (ara Dok. D), izda huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi r-rapprezentanti tal-kumpanija attrici jafu b'dawn il-fatti personalment.

Bl-imghax skond l-ghola rata permessa mill-ligi mis-26 ta' Jannar 2011 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali msemmija aktar 'il fuq, l-ittra ufficjali datata l-1 ta' Dicembru 2010 u mibghuta a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li baqghet mhix notifikata, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' l-imsemmija ittra ufficjali kontra tieghu, li hu ngunt in subizzjoni u dan kollu minghajr pregudizzju u b'riserva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tieghu.

Rat ir-risposta tal-konvenut Robert Sciberras li giet prezentata fl-14 ta' Marzu 2011 fejn eccepixxa s-segwenti:

*1. "Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti mhux biss qatt ma ha pussess tal-credit card in kwistjoni imma qatt ma gibed xi flus ghax qatt ma kellu l-pussess tal-credit card ab initio mertu ta' din il-kawza liema posizzjoni ghadha tippersisti sa llum.*

*3. Illi minghajr pegudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ghandha turi u tipprova li fil-fatt l-esponent iffirma li hu ha pussess mhux biss tal-credit card imma ukoll tal-pin number u dan peress li hu qatt ma gibed dawn il-flus.*

*4. Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghas-suepost l-esponenti lanqas ma jaf il-pin number in kwistjoni liema haga tikkonferma l-posizzjoni ta' l-esponenti li mhux biss m'ghandux imma qatt ma kellu access biex jaghmel uzu ghall-facilita' in kwistjoni.*
*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent qed jitlob li jigi kjamat in kawza Joseph Azzopardi u dan ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi.*
*6. Salv risposta ulterjuri."*

Illi nhar l-24 ta' Mejju 2011 xehed **Mark Spiteri** u spjega illi huwa jahdem *f'hedge fund* tal-*comodities* pero' qabel ghamel perjodu ta' sena u tlett xhur jahdem mas-socjeta attrici Banif Bank u dan fil-kariga tieghu ta' *executive bank consultant*. Ikkonferma li waqt li kien jahdem mal-Bank attrici kien iltaqa' ma' klijent tal-Bank, il-konvenut odjern u kien offrielu s-servizz ta' *private Banking*. Dan accetta u kien fetah kont *current* li hija haga normali u giet abbinata mieghu Gold Card credit card. Tenna li l-process ghal din il-credit card effettivament sar mieghu u kienu applikaw ghaliha l-konvenut flimkien ma' Joseph Azzopardi. Qal li r-*request* kienet saret min-naha tat-tnejn tant li in segwitu kienu iffirmawlu d-dokumenti ukoll.
Muri d-dokumentazzjoni esebita a fol. 3 tal-atti stqarr li gharaf l-applikazzjoni li kien iffirma l-konvenut sabiex jinfetah il-kont. Dan hu d-dokument markat bhala Dok A. Qal li Joseph Azzopardi ma kienx iffirma din l-applikazzjoni. Izda kien iffirma formola separata ohra. Spjega li f'dan il-kaz il-*credit card* intbaghtet il-PAVI branch Hal Qormi u jiftakar li l-konvenut kien cempillu u qallu li kellu *slip disc* u li kellu jmur jigborha Joseph Azzopardi. Qal li l-pin number pero' kien intbaghat direttament fl-indirizz tal-konvenut Block A2, Flat 3, Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, liema indirizz kien gie moghti lilu mill-konvenut Robert Sciberras stess.
In kontro-ezami jghid li huwa jaqbel li l-card giet migbura minn Joseph Azzopardi u sabiex tintuza il-*card* hemm bzonn il-pin number ghalkemm ikkonferma li l-pin intbaghtet direttament lill-konvenut. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-flus hadhom direttament Joseph Azzopardi u mhux il-konvenut Sciberras, wiegeb li ma jaf xejn dwar dan.

**Stephen Grech**, rapprezentant tal-Bank attrici xehed nhar is-7 ta' Lulju 2011 u qal illi huwa jiehu hsieb id-dipartiment tal-cards tal-Bank attrici. Spjega li una volta l-applikazzjoni ghal card tigi processata din tintbaghat lil branch aktar vicin tal-klijent u l-branch jaghmel kuntatt mal-klijent sabiex imur jigborha waqt li jibghatu l-pin number separatament bil-posta ghand l-applikant. Pero' f'dawk il-kazijiet fejn il-klijent ikun irid il-card b'mod urgenti il-pin tintbaghat flimkien mal-card fil-branch u l-klijent jigborhom flimkien mill-branch partikolari.
Ix-xhud ikkonferma li f'dan il-kaz kien hemm rikjesta sabiex il-*pin* u l-*card* jintbaghtu flimkien lil branch ta' Hal Qormi u hekk sar. Huwa ma kienx involut personalment f'dan il-kaz imma ghandu d-dokumentazzjoni kollha fil-file relattiv taghhom. Huwa esebixxa estratt mill-logs tal-VISA mhux minn dawk tal-Bank fejn hemm id-dettalji kollha ta' kif saret it-transazzjoni partikolari. Qal li din it-transazzjoni saret nhar is-27 ta' Mejju 2010 liema transazzjoni ghaddiet minn POS tal-Bank of Vallettta li kien installat f'post jismu Ahead Technology gewwa l-Mosta. Hemm evidenza li c-cippa ta' fuq il-card inqrat f'dik il-lokalita' u gie mdahhal ukoll il-pin number. Il-POS hija l-magna li jkollhom tal-hwienet sabiex tintuza l-card. Mistoqsi min hu Ahead Technology ix-xhud wiegeb li ma jafx. Ghalkemm huwa zgur li l-flus ingabru dakinhar. Huwa esebixxa kopja ta' din id-dokumentazzjoni li ghamel referenza ghaliha fix-xhieda tieghu liema dokumentazzjoni giet immarkata bhala Dok SG.

**Il-konvenut Robert Sciberras** xehed nhar id-9 ta' Novembru 2011 fejn iddikjara li jiftakar li kien avvicina l-Bank attrici u kien talabhom biex jibda' juza' l-facilita' ta' *credit card*. Pero' huwa sostna li qatt ma nghata la l-*card* u lanqas il-*pin* u ghalhekk qatt ma seta' jaghmel uzu minn tali facilita'. Huwa kien wasal fl-istadju li ffirma l-applikazzjoni, pero' qatt ma' nghata l-card u ghalhekk qatt ma ghamel uzu minnha.
Ix-xhud sar jaf tramite xhieda tal-Bank stess f'din il-kawza illi l-*card* allegatament ingabret minn Joseph Azzopardi. Dan nonostante huwa qatt ma' rcieva l-ebda statement mill-Bank dwar l-uzu ta' din il-*card*. Lanqas qatt ma' gie mgharraf mill-Bank li effettivament il-*card* ingabret minn

haddiehor. Jaf biss minn dak li qalu x-xhieda tal-Bank fil-mori ta’ dawn il-proceduri li effettivament ingibdu l-flus. Huwa kkonferma li s-sur Azzopardi lilu qatt ma kkomunika mieghu dwar l-uzu ta’ din il-*card* jew infurmah dwarha u qatt ma’ tah sodisfazzjon dwar xi uzu ta’ din il-card minn fejn irtira xi flejjes jew x’uzu ghamel biha. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-konvenut Sciberras irrapurtax dan il-kaz il-pulizija wara li sema’ x-xhieda tal-Bank attrici jixhdu, wiegeb li le ma’ ghamilx dan, pero’ fetah kawza civili kontra tieghu peress li huwa kellu negozju ma’ dan Joseph Azzopardi u kien gidmu flejjes ohrajn. Ix-xhud stqarr li kellhom zewg laqghat fl-ufficcju ta’ Dr Mark Busuttil sabiex jippruvaw isolvu l-pendenzi ta’ bejniethom inkluz din il-kwisjtoni partikolari, u jaf ukoll li ghalkemm iltaqghu darbtejn dan Azzopardi ma kkoperax mieghu.

Ix-xhud spjega wkoll illi effettivament huwa qatt ma’ kien mar il-Bank, kien gie rapprezentat tal-Bank l-ufficju tieghu u mlew il-karti hemmhekk. Mistoqsi x’informazzjoni ta lill-Bank qal li bl-amment ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jaghrafx id-dokument A, jghid li effettivament jaghrfu, jghid li a bazi ta’ dan id-dokument huwa nghata l-facilita’ in kwistjoni. L-informazzjoni kontenuta f’dan id-dokument gie moghtija lill-Bank minnu. L-indirizz f’din il-formula huwa dak tieghu u gharaf il-firma tieghu wkoll miktuba a fol 4 tal-atti fejn hemm il-kelma *customer*, dik hija il-firma tieghu.

Spjega illi huwa kellu negozju flimkien ma’ Joseph Azzopardi pero’ fiz-zmien li harget din il-*credit card* kienu diga’ fil-process li jzarmaw in-negozju ta’ bejniethom. Meta Joseph Azzopardi kien gabar il-*card* huwa kien id-dar ma jiflahx sew b’zewg *slip discs* u ghalhekk ma setax johrog mid-dar biex jigbor il-*card*.. Huma kellhom zewg stationeries flimkien u cwievet tal-post kellhom huma t-tnejn biss. Minn dak li xehdet ir-rapprezentanta tal-bank, tenna li jaf li il-card intuzat f’wiehed minn dawn iz-zewg hwienet. Huwa mar japplika ghal credit *card* nhar l-14 ta’ Mejju 2010 u ircieva l-inkartament ghall-Qorti nhar il-15 ta’ Frar 2011.

Huwa ried il-*card* minhabba ragunijiet ta’ negozju u mbaghad meta n-negozju spicca ma kellux aktar bzonnha u ghalhekk ma kellux ghalfejn jinkwieta fuq il-*card* meta effettivament il-*card* qatt ma nghatat lilu. Il-kwistjoni kienet waqfet hemm ghax huwa qatt ma rcieva l-*card* ghalkemm

applika ghaliha u l-iskop ghall-uzu taghha kien spicca peress li kien zarma minn ma’ Azzopardi. Jirrepeti u jghid li sar jaf li l-*card* intuzat minn haddiehor meta l-Bank kitiblu ghall-flus u qallu li kienu ser jispiccaw il-Qorti. Lill-Bank qatt ma nfurmhom li ma kellux aktar bzonnha ghaliex fil-fatt il-Bank qatt ma tahielu. Izid jghid ukoll li huwa ghamel perjodu imsiefer minhabba ragunijiet ta’ sahha. Jikkonkludi billi jghid li l-indirizz personali tieghu huwa Block A2, Flat 3, Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2011 l-konvenut Robert Sciberras talab il-kjamat in kawza ta’ Joseph Azzopardi u dan in linea mal-hames eccezzjoni tieghu. Rat id-digriet taghha ta’ l-istess jum fejn nonostante l-oggezzjoni tal-Bank attrici il-Qorti laqghet it-talba a spejjez provizorjament ghall-istess konvenut Robert Sciberras.

Rat illi nhar l-24 ta’ Marzu 2012 l-kjamat in kawza Joseph Azzopardi gie notifikat bil-proceduri odjerni kif jirrizulta mit-timbru tal-Marixxal tal-Qorti Mark Dimech a fol 46 tergo.

Rat illi dan nonostante l-istess kjamat in kawza ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas deher il-Qorti.

Semghet lill-konvenut **Robert Sciberras** jerga’ jixhed nhar it-2 ta’ Mejju 2012 fejn ikkonferma li qatt ma ffirma l-ebda facilita’ mal-bank rigwardanti dan il-kont. Huwa kkonferma bil-gurament tieghu li qatt ma’ ha flus mill-Banif Bank. Skond ma qallu r-rapprezentanti tal-bank stess, il-flus gew mehuda minn Joseph Azzopardi stess. Effettivament huwa sar jaf ukoll mix-xhieda li gew prodotti l-Qorti, li l-flus ingibdu mill-hanut stess li kien qed jigi gestit minn Joseph Azzopardi. Dan il-hanut huwa Ahead Stationery gewwa l-Mosta. Ix-xhud sostna illi huwa ma kellux access ghal dan il-hanut. Huwa kkonferma li kien bi shab mieghu f’zewgt ihwienet ohra bl-istess isem. Dwar dan tal-Mosta huwa ma’ kellu x’jaqsam xejn. Huwa qal illi l-hanut tal-Mosta jinsab fi Vjal il-Qalbiena, Mosta.

Ikkunsidrat:

Illi kif ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli Civili nhar it-28 ta’ April 2003 fl-ismijiet ‘**Emanuel Ciantar vs David Curmi noe’** jinghad li:

*“Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli”*

Dwar x’tip ta’ prova ghandha tressaq il-bank attrici din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli (Sede Inferjuri per Imhallef Philip Sciberras fl-ismijiet ‘**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi’.** deciza nhar it-tnax (12) t’April, 2007 fejn inghad illi:

“*In materja ta’ provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) l*
*bda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a*

*kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) F il-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il -gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand***

***<u>Kilumal noe vs Jessie Blanco</u>*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Illi f'din il-kawza l-Bank attrici qed titlob lill-konvenut Robert Sciberras ihallasha dik is-somma msemmija fir-rikors promotur rapprezentanti flejjes u li huwa allegatament ghamel uzu minnhom mis-servizz moghti lilu mill-Bank attrici tramite l-uzu ta' credit card bin-numru 4196806000017075. Mill-banda l-ohra pero' l-konvenut in *poche parole* qed jghid li l-flus m'humiex dovuti minnu ghaliex ghalkemm huwa applika sabiex ikollu dan is-servizz huwa qatt ma nghata dan is-servizz ghaliex la qatt ma rcieva il-*credit card* u wisq inqas l-*pin number* ghall-uzu ta' l-istess.

Illi jirrizulta mix-xhieda prodotta mill-Bank stess li huwa minnu li kien il-konvenut li kien applika ghall-uzu ta' dan is-servizz ta' *credit card* u dan nhar it-13 ta' Mejju 2010 (Dok A a fol. 3 ta' l-atti). Illi mix-xhieda ta' Mark Spiteri impjegat tal-Bank jirrizulta li din il-card ingabret minn Joseph Azzopardi mill-PAVI branch fuq talba ta' Robert Sicberras stess u jghid ukoll li pero' l-PIN number intbaghtet fl-indirizz tal-konvenut San Pawl il-Bahar. Illi pero' mix-xhieda ta' rapprezentant iehor tal-Bank, din id-darba ta' Stephen Grech li proprju jiehu hsieb id-dipartiment tal-cards, inghad li l-PIN number tal-card tal-konvenut ma ntbaghtitx lill-konvenut izda intbaghtet lil PAVI branch. Ikkonferma wkoll li t-transazzjoni li saret minn fuq din il-card saret gewwa l-hanut AHEAD Techonology gewwa il-Mosta nhar is-27 ta' Mejju 2010.

Illi l-konvenut Robert Sciberras filwaqt li jaqbel li talab lil Bank sabiex jghaddu din il-card lil Joseph Azzopardi huwa jghid li qatt ma' ta' struzzjonijiet lill-Bank sabiex jaghtu l-PIN number lil Joseph Azzopardi. Jghid li huwa ghamel zmien twil ma jiflahx bi *slip disc* u ghalhekk ma kellux bzonn l-uzu tal-card u ghalhekk ma kienx hass in-nuqqas taghha meta Joseph Azzopardi ma tahielux, molto piu' meta qies li minghajr il-PIN number il-card ma setghetx tintuza u ghalhekk kellu mohhu mistrieh. Jichad b'mod kategoriku li qatt ma ghamel uzu minn din il-card u jikkonferma li qatt ma kienet fil-pussess tieghu u li qatt ma

nghata il- PIN number taghha. Jghid li huwa sar jaf li sar uzu minn din il-card BISS mix-xhieda li xehdu il-Qorti. Ikkonferma wkoll li qatt ma ntbaghat xi statement bankarju ta' dan il-kont minkejja li allegatament gew mehuda l-flejjes f'Mejju 2010. Kien ircieva biss ittra fejn gie nfurmat li kienu ser jittiehdu passi bil-Qorti ghall-flus li huwa allegatament kellu jaghti. Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestatazzjoni ghaliex l-Bank attur ma pprezenta l-ebda statement, kuntrarju ghal dak li jaghmel solitament.

Mark Spiteri li fiz-zmien tal-kwistjoni in dezamina kien jahdem bhala executive consultant mal-Bank jghid li l-applikazzjoni ghal tali credit card giet iffirmata minn Robert Sciberras u Joseph Azzopardi pero' l-Bank naqas li jipprova din l-allegazzjoni peress li ma giet esebita l-ebda dokumentazzjoni f'dan ir-rigward fejn hemm il-firma ta' Azzopardi u fil-fatt il-Bank ma harrikx lil dan Azzopardi li gie kjamat in kawza fuq talba tal-konvenut stess.

Mix-xhieda ta' Robert Sciberras li mhix kontestata jirrizulta li l-hanut fejn gew migbuda il-flejjes jappartjeni lil Joseph Azzopardi. Ghalhekk jirrizulta li ghalkemm il-card kien applika ghaliha l-konvenut Robert Sciberras din ingabret minn Joseph Azzopardi u l-Bank kien tah ukoll il-PIN number ghalkemm ma jirrizultax li kellhom xi poter jew mandat li jaghmlu hekk u in segwitu l-flejjes ingabru minnu. Jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li ghalkemm il-facilita' tghajjat lill-konvenut Robert Sciberras huwa qatt ma ghamel uzu minnha u minhabba n-negligenza jew traskuragni tal-Bank, il-PIN number ta' din il-card spiccat f'idejn il-kjamat in kawza illegalment.

Izda hawn si tratta ta' istituzzjoni bankarja li hadet fuqha l-inkarigu li taghti servizz li bhala jsiru eluf kull sena fejn il-procedura tinvolvi li l-klijent jimla' applikazzjoni sabiex jinghata servizz ta' uzu ta' credit card u din tigi processata mill-Bank u una volta tigi accettata, l-klijent jinghata il-card u separatament jinghata l-PIN number u dan ghar-ragunijiet ta' sigurta'. Fil-kors normali ta' l-affarijiet, il-card tingabar mill-applikant jew jekk il-Bank ikollu mandat li ser tingabar minn terza persuna jidher li din tinghata lilu minghajr records jew awtorizazzjoni skritta. Jekk il-Bank

kellu xi dubju dwar lil min kien ser jghaddi il-card, kellu l-obbligu li jivverifika. Jinghad ukoll li l-Bank messu vverifika *ab initio* jekk setghax jghaddi il-PIN number lill-istess persuna li gabret il-card. L-izball ma kienx da parti tal-konvenut li talab li l-card tingabar minn Joseph Azzopardi izda mill-Bank li naqas li jaghmel il-verifiki tieghu f'dan il-rigward. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti minn dak li rrizulta lilha, il-Bank kien traskurat fl-operat tieghu fir-rigward tal-konvenut.

Illi pero' jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament il-flejjes mitluba fir-rikors promotur gew migbura mill-Bank izda mill-kjamat in kawza Joseph Azzopardi u ghalhekk huwa il-kjamat in kawza li jrid iwiegeb ghal-dan l-agir kemm civili kif ukoll kriminali tieghu. Illi b'dak li ghamel il-kjamat in kawza, huwa ghandu jinzamm responsabbli sabiex iwiegeb ghat-talbiet tal-Bank.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, qeghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fl-intier taghhom u tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza u ghalhekk tikkundannah ihallas lill-Bank attrici dik is-somma imsemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' sebat elef, sitt mija w ghoxrin Ewro u sittin centezmu (€7,620.60).**

**Bl-ispejjez u l-imghax kif mitluba mill-Bank attrici fl-istess rikors promotur.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-istess kjamat in kawza jigi investigat ghall-ghemil kriminali tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------